MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 715/1986/2

Tessie Micallef u b’digriet tat-22 ta’ Gunju, 1992 l-atti tal-kawza ghaddew f’isem Eugenio u Maria Lourdes Micallef u Joseph Micallef *stante* l-mewt ta’ Tessie Micallef
vs
Lawrence Galea, Aristide Galea u Mario Galea

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attrici li biha ippremettiet:

1. Illi l-attrici irrendiet servigi ghal diversi snin ma’ Olga u Clodomiro Spiteri, ahwa, li mietu rispettivament fit-30 ta’ Settembru 1984 u fl-24 ta’ April 1985;

2. Illi l-istess konvenuti huma l-unici eredi ta’ l-istess Clodomiro Spiteri li *a sua volta* wiret lil ohtu Olga Spiteri bhala uniku eredi;

3. Illi l-istess konvenuti qed jirrifjutaw li jikkumpensaw lill-attrici ghas-servigi minnha resi.

L-attrici talbet lill-Qorti:

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-attrici ghas-servigi minnha rezi lill-istess Olga u Clodomiro Spiteri ghall-perijodi ta' snin kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti bhala eredi ta' l-istess ahwa Spiteri li jhallsu lill-attrici din is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minn dak li qed tallega l-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu, 1987 li permezz tieghu Dr. Stephen Meilak gie nominat bhala Perit Legali.

Rat ir-rapport ta’ Dr. Stefan Meilak li fih issemma:
“**3.KONSTATAZZJONIJIET**

F’din il-kawza tressqu volum sostanzjali ta provi miz-zewg nahat u sfortunatemant il-versjonijiet tal-fatti tal-partijiet huma konfliggenti. L-atturi qed isostnu li tul medda twila ta zmien, l-attrici Tessie Micallef irrendiet diversi servigi lil Olga u Clodomiro Spiteri. Minn naha taghhom, il-konvenuti qed isostnu li dan mhux minnu u li ghalkemm Tessie Micallef kienet tkun prezenti fir-residenza ta Clodomiro u Olga Spiteri fil-fatt ma kienitx tkun hemm biex tirrendi servigi. Wiehed irid pero` jirrimarka li fix-xhiedha taghhom, il-konvenut Aristide Galea u xhud prodott mill-konvenuti u cioe` Tessie Galea ammettew li Tessie Micallef fil-fatt irrendiet xi servigi.

Illi ghalhekk, minhabba l-imsemmija xhiedha konfliggenti, l-esponent kellu jghamel ezami profond u akkurat tax-xhiedha kollha prodotti.

Illi l-esponent ihoss illi hemm zewg fatturi li jghatu dawl fuq dak li verament gara u cioe` jekk hux minnu li Tessie Micallef, tul medda ta’ snin, irrendiet is-servigi mertu ta’ din il-kawza. Dawn iz-zewg fatturi huma x-xhieda tat-Tabib Joseph Cassar Delia u d-dikjarazzjoni guramantata (Dok XYZ 1) ta’ Clodomiro Spiteri li ma xehdx f’din il-kawza *stante* li kien gja mejjet.

It-Tabib Joseph Cassar Delia huwa xhud indipendenti li ma ghandu l-ebda interess partikolari fl-ezitu ta’ din il-kawza. Huwa ikkonferma li kien it-tabib kuranti ta’ Olga u Clodomiro Spiteri tul medda twila ta’ snin u kien kategoriku u car fix-xhieda tieghu. Mid-deposizzjoni tat-Tabib Cassar Delia jirrizulta minghajr ebda dubju li l-attrici Tessie Micallef ghall-perijodu sostanzjali ta’ zmien kienet tiehu hsieb ta’ Clodomiro u Olga Spiteri.

Fl-opinjoni ta’ l-esponent din il-versjoni tal-fatti hi korroborata mit-tlett xhiedha mressqa mill-atturi u cioe` Mary Spiteri, Grace Borg u Gulia Busuttil. Dawn kollha

ikkonfermaw id-diversi servigi resi minn Tessie Micallef lil Clodomiro u Olga Spiteri.

Apparti dan kollu, l-esponent ihoss illi d-dikjarazzjoni guramentata (Dok XYZ 1) ta' l-istess Clodomiro Spiteri hi ta' importanza kbira hafna *stante* li hu l-persuna li allegatament ircieva s-servigi mertu ta' din il-kawza. Din id-dikjarazzjoni saret wara l-mewt ta' Olga Spiteri u f'perijodu meta l-istess Clodomiro kien miggieled ma' Tessie u Joseph Micallef. Infatti kien biddel it-testment tieghu u halla bhala eredi lill-konvenuti. Minkejja dan, Clodomiro Spiteri fl-istess dikjarrazzjoni guramentata jammetti li Tessie Micallef kienet prokuratrici tieghu u li kienet tohdilhom hsieb certi affarijiet. Fl-istess dikjarazzjoni, qal li meta Tessie Micallef qaltlu li d-deheb jixraq li jkun taghha, hu qalilha li fit-testment tieghu u ta' ohtu nofs id-deheb kien sejjer ghand Tessie Micallef. Fl-opinjoni ta' l-esponent, din id-dikjarazzjoni guramentata ta' Clodomiro Spiteri turi, minghajr ebda ombra ta dubju, li fil-fatt Tessie Micallef kienet irrendiet servigi lil Clodomiro u Olga Spiteri u li bhala rikonoxximent ta' dan Clodomiro Spiteri kien weghedha li hu u ohtu kienu se jhallulha nofs id-deheb fit-testment taghhom. Dan ma ghamluhx u nqalet din il-kawza.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' l-esponent, ix-xhiedha tat-tabib Cassar Delia, flimkien mal-imsemmija dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Clodomiro Spiteri, kif korroborati mix-xhiedha ta' Mary Spiteri,Grace Borg u Gulia Busuttil, jikkonfermaw minghajr dubju li l-attrici Tessie Micallef fil-fatt irrendiet diversi servigi tul medda ta' snin lil Clodomiro u Olga Spiteri. L-esponent m'ghandux dubju li anke l-konvenuti u n-nisa taghhom irrendew diversi servigi lill-istess Clodomiro u Olga Spiteri pero` dan il-punt hu rilevanti biss fil-kalkolu tal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi. Il-fatt li anke l-konvenuti u n-nisa taghhom irrendew servigi ma jfissirx li l-attrci Tessie Micallef ma rrenditx ukoll servigi hi. Il-punt li jrid jigi determinat hu jekk l-attrici Tessie Micallef ghamlitx dawn is-servigi u konsegwentement jekk il-konvenuti bhala eredi ta' Clodomiro Spiteri (li min-naha tieghu kien wiret lil Olga)

ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-hlas ta’ dawn is-servigi.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta’ l-esponent, gie pruvat illi l-attrci Tessie Micallef, tul medda ta’ zmien irrendiet diversi servigi lil Clodomiro u Olga Spiteri.

Illi f’dan l-istadju jrid jigi ezaminat il-punt jekk l-attrici Tessie Micallef kellhiex intenzjoni li tithallas meta rrendiet dawn is-servigi. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, fil-passat f’kaz ta’ servigi prestati bejn parenti, kien jigi ritenut li dawn gew prestati “*familiaritatis causa*” u l-prezunzjoni kienet li ma kienx hemm hsieb ta’ kumpens. Pero` fil-gurisprudenza aktar recenti, anke fir-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li s-servigi jigu resi bi speranza ta’ kumpens sakemm ma jezistux cirkostanzi li jiggustifikaw il-gratwita (Ara sentenza **Anthony Catania *pro et noe* vs Maria Agius** (Citaz 1381/1993) deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta Dicembru 2003). Fil-kawza **Agius vs Galea** deciza fit-12 ta’ Frar 1996 gie deciz li l-principju ta’ gratwita ma ghandux jigi akkolt facilment. F’sentenza moghtija recentement mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Marzu 2010 fl-simijiet **Maria Lourdes Brincat vs Guiseppe Brincat *et*** (Citaz 448/87FS) gie dikjarat illi f’kaz ta’ servigi ma hemmx prezunzjoni ta’ gratuwita. Il-Qorti iddikjarat li “Min jallega li s-servigi saru b’xejn irid igib provi tajbin biex iwaqqa’ l-presunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta’ hlas”.

Illi fil-kaz in kwistjoni ma hemmx dubju li l-attrici Tessie Micallef kellha l-intenzjoni li tithallas ghas-servigi li hi ipprestat li Clodomiro u Olga Spiteri. Infatti l-attur Joseph Micallef xehed hekk: “Sa fejn naf jien il-mara tieghi kienet tirrendi dawn is-servigi b’intenzjoni ta’ hlas *stante* li z-ziju kien weghedha l-imsemmi kumpens”. Tant kellha intenzjoni ta’ hlas li Tessie Micallef kienet zammet id-deheb bhala kumpens ghal dawn is-servigi liema deheb sussegwentement kien gie ritornat wara li nqatghet il-kawza dwar id-deheb. Min-naha taghhom, il-konvenuti ma gabu l-ebda prova li ma kienx hemm intenzjoni ta’ hlas.

Ghalhekk fl-opinjoni ta' l-esponenti, l-atturi gabu provi sufficjenti u konvincenti li tul medda ta' snin l-attrici Tessie Micallef irrendiet diversi servigi lil Clodomiro u Olga Spiteri u li l-istess atturi huma intitolati ghall-kumpens minghand il-konvenuti ghall-imsemmija servigi. Illi ghalhekk l-esponent se jghaddi biex jillikwida l-ammont dovut lill-atturi ghall-imsemmija servigi.

**4.LIKWIDAZZJONI TA' KUMPENS GHAS-SERVIGI**

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, il-gurisprudenza stabbiliet tliet kriterji li ghandhom jigu addottati sabiex jigi likwidat il-kumpens. Dawn huma;

1.il-mezzi ta' min ircieva s-servigi
2.il-parentela ta' bejn min irrenda u min ircieva s-servigi
3.il-frekwenza u x-xorta tas-servigi

Vide sentenza **Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina *et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2002 (Citaz 1843/98GV) u **Vassallo vs Aquilina** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Gunju 1982 u **Cutajar vs Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April 1982.

Minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta li fil-maggoranza tas-sentenzi l-kumpens qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela (*vide* sentenza **Anthony Catania vs Maria Agius** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11ta' Dicembru 2003(Citaz 1381/1993). Fis-sentenza **Delicata vs Saliba** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1989, il-Qorti irriteniet illi s-servigi huma bazati fuq kwazi-kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Dan iwassal biex il-kumpens qatt ma jkun ekwivalenti tax-xoghol li sar. F'sentenza recenti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17ta Marzu 2010 (Citaz 448/1897FS) fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et***, il-Qorti iddipartiet mill-principju ta' kumpens moderat u illikwidat kumpens konsiderevoli.

Pero` il-Qorti kellha ragunijiet validi ghalfejn ghamlet dan u infatti iddikjarat: “Il-Qorti taghmilha cara li f’din il-likwidazzjoni ghamlet konsiderazzjoni u affidament specjali ghall-volonta tat-testatur u l-konsistenza ta’ l-assi tat-testatur”.

Illi fil-kaz in kwistjoni l-esponent ma jara l-ebda raguni ghaliex ghandu jiddipartixxi mill-gurisprudenza u jhoss illi l-kumpens relattiv ghandu jkun f’ammont moderat.

Illi la l-atturi u l-anqas il-konvenuti ma gabu provi dwar il-konsistenza ta’ l-assi ta’ Clodomiro u Olga Spiteri, pero` mill-provi jirrizulta li Clodomiro kellu zewg pensjonijiet wahda ta’ l-Ammiraljat u ohra tas-Servizzi Socjali ta’ Malta.

In-natura u l-kwantita tas-servigi rezi minn Tessie Micallef varjaw tul il-medda ta’ zmien. Donnnhom kienu ftit fil-bidu izda zdiedu aktar ma ghadda zmien u aktar ma mardu Olga u Clodomiro Spiteri. Pero`, ghalkemm regolari, ma jidhirx li dawn is-servigi kienu estensivi jew ta’ strapazz kbir. Clodomiro kien wieghed lil Tessie Micallef nofs id-deheb li dwaru saret il-kawza tad-deheb, pero` ma ngabitx prova tal-valur ta’ dan id-deheb izda min-numru ta’ oggetti elenkati fis-sentenza relattiva ma jidhirx li kellhom xi valur kbir hafna.

Illi l-esponent ezamina sentenzi fejn in-natura u l-frekwenza tas-servigi resi kienu *piu` o meno* simili ghal dawk tal-kawza odjerna, u jhoss li fic-cirkostanzi partikolari tal-kawza odjerna u *ai termini* tal-gurisprudenza fuq citata, kumpens “*average*” ta sitt mitt Euro (Euro 600) fis-sena hu gust u adegwat.

L-esponent issa jrid jistabilixxi n-numru ta snin li fihom gew prestati s-servigi mertu ta’ din il-kawza. Dan difficli li jigi stabilit bi precizjoni pero` jidher li gew rezi mis-sena 1960 (sena meta zzewgu Tessie u Joseph Micallef) sakemm mietet Olga Spiteri fis-sena 1984 u cioe` cirka 24 sena.

Ghalhekk il-kumpens kif likwidat mill-esponent jammonta ghal Euro14,400 u cioe` Euro 600 x 24 sena. Hu difficli tistabillixxi bi precizjoni l-kumpens xieraq f'kawzi simili, pero` wara ezaminazzjoni bir-reqqa tal-provi prodotti u tal-gurisprudenza relattiva, l-esponent ihoss illi kumpens ta' Euro14,400 hu gust u ragjonevoli.

Illi l-konvenuti allegaw illi l-attrici Tessie Micallef gja thallset ta' dawn is-servigi. Id-deheb mertu tal-kawza l-ohra (Citaz 1602/84) kien gie ritornat minn Tessie Micallef lill-konvenuti u ghalhekk mhux rilevanti ghal din il-kawza. Saret allegazzjoni ohra li precedentement, Clodomiro u Olga Spiteri kienu taw lil Tessie Micallef xi deheb iehor. La ngabet prova ta' dan u l-anqas tal-valur relattiv u ghalhekk din hi biss allegazzjoni li ma tistax tigi konsidrata. Jidher ukoll illi ghal xi perjodu qasir ta' zmien, Clodomiro Spiteri kien jaghti xi Lm2 jew Lm3 lil Tessie Micallef meta kienet tmur il-bank. Joseph Micallef xehed li din ma kenitx regola u dam jaghtihomla ghal xi sena jew ftit aktar. Ghalhekk l-ammont in kwistjoni hu kwazi insinifikanti.

Ghaldastant, l-esponent jissottometti li kif gie spegat precedentement, kumpens ta' Euro 14,400 hu gust u ragjonevoli.

**5.KONKLUZJONI**

In vista ta' dak kollu premess, l-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi u tillikwida l-ammont dovut lill-atturi bhala kumpens ghas-servigi rezi minn Tessie Micallef fis-somma ta' erbatax-il elf u erba' mitt Euro (Euro 14,400) u kif ukoll tilqa' t-tieni talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' Euro14,400."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS), deciza

minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 intqal:

"***D5. Ma hemmx ghalfejn li s-servigi jkunu pattwiti precedentement:***

Fil-kawza fl-ismijiet **Victoria Scerri *et* vs Joseph Aquilina *noe et***, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Dr. J. R. Micallef) fl-4 ta' Marzu 2010 inghad:

"Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[1]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[2] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[3];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblita' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[4]; ..."

***D6. Ma hemmx prezunzjoni tal-gratuwita`:***

Fil-kawza deciza fit-3 ta' Ottubru 1935 minn din il-Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet **Mifsud vs Briffa** nghad:

---

[1] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Cassar vs Lawrence Seychell** (Mhix pubblikata)

[2] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet **Mifsud vs Briffa noe** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet **George Sciberras et vs Josephine Spiteri et**

[3] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet **Deidun vs Poggi et** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe** (mhix pubblikata)

[4] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil**

"….. anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza tal-kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentment il-gratuwita', sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela".

Ara wkoll:
**Farrugia vs Caruana** deciza fit-12 ta' Dicembru 1935; **Ellul vs Ellul** deciza fit-12 ta' Frar 1980;
**Azzopardi vs Azzopardi** deciza fl-24 ta' Mejju 1989; **Attard vs Attard** deciza fit-13 ta' Ottubru 1989 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili;
**Borg vs Gaffiero** deciza fit-28 ta' Marzu 2003;
**Anthony Catania *pro et noe* vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003.

Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas. Fis-sentenza deciza fil-25 ta' April 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef R. Pace) fl-ismijiet **Caruana vs Mallia** (Kollez. Vol: LXXXVI.iii.174) gie konfermat li kull servigi, ukoll moghtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu nghataw bit-tama ta' kumpens jew hlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi nghata bla hsieb ta' kumpens jew hlas (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Tonio Malllia) tal-11 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet **Anthony Catania *pro et noe* vs Maria Agius**).

***<u>D7. Perjodu applikabbli ghal servigi:</u>***

Il-pozizzjoni hija li jekk servigi huma rikonoxxuti, dawn ghandhom jigu provvduti ghaz-zmien kollu li fih gew imwettqa servigi u mhux biss ghall-ahhar hames snin. Hija biss jekk ikun hemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-kuncett ta' l-ahhar hames snin japplika. Dan jirrizulta bl-aktar mod car mis-siltiet li ser jigu ikkwotati mis-sentenza fl-ismijiet **Vella Carmelina *et* vs Borg Anthony *nomine***, deciza mill-Appell Civili Superjuri fis-16/09/1994 (Vol LXXVIII-II-I-260):

"L-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta' kumpens ta' servigi allegatament rezi milll-attrici Carmelina Vella matul numru ta' snin lill-mejjet Anthony Borg imsemmi fl-atti ta'

citazzjoni, liema kumpens irid jigi likwidat minn din il-Qorti. M'hemmx dubju illi ghal kreditu ta' din ix-xorta hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin ikkontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16, u f'dan ir-rigward huwa sufficjenti illi ssir riferenza ghas-sentenza ccitata mill-konvenut *nomine* fil-paragrafu 1(d) tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (App. Civ. 23-1-59, "**George Portelli vs Nicola Galea**", Vol. XLIII, P.I, p.66);...

Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga` ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghal rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. Ghandu jinghad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, ghall-preskrizzjoni, javveraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu. Dana jigri meta jkun sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-hlas izda ma jkunx sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-hlas ta' somma ta' flus determinata u specifika. Infatti, huwa accettat fil-gurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista' jkun ukoll "*illiquido*" kif jisejjahlu l-GIORGI. (Ara Kollez. Vol XXXIV – II – 742);...

***D8. Likwidazzjoni ta' kumpens:***

Hemm diversi kriterji li l-Qrati taghna hadu in konsiderazzjoni meta gew biex jistabbilixxu likwidazzjoni ta' kumpens dovut (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, Imhallef G. Valenzia, deciza fil-31 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina *noe et***; u sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismjiet **Vassallo vs Aquilina**, deciza fid-29 ta' Gunju 1982):

(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mghejjuna;
(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;
(iii) in-natura tas-servigi maghmula;
(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;
(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;

(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;
(vii) il-mezzi tal-persuna li ibbenefikat mill-prestazzjonijiet;...”

Dwar l-aspett li l-kumpens huwa prezunt meta jkunu rezi servigi, anke jekk minn parenti, il-prezunzjoni llum il-gurnata hi li dawn ghandhom jitqiesu ipprestati b’tama ta’ kumpens. Fil-kawza **Mary Grace Attard *et* vs Rosario Attard**, Appell Superjuri Civili, 13 ta’ Ottubru 1989 - LXXIII-II-39, intqal:
“Illi rigward il-kwistjoni ta’ servigi rezi l-pozizzjoni skond il-gurisprudenza recenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li ‘kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti pprestati bi speranza ta’ kumpens’. Biex taqa’ din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`. L-intenzjoni tal-gratuwita` u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi ma ghandhomx jigu akkolti facilment” (ara **Giuseppe Deidun vs Emilia Poggi**, Vol. XXXVIII.II. Pg 568).

Fl-istess linja hija l-kawza **Giorgia Caruana vs Marianna Abela**, Prim’Awla, Imhallef Gauci Maistre, 14 ta’ Jannar 1965, XLIXD-664; u **Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi**, 24 ta’ Mejju 1989, Qorti ta’ l-Appell Superjuri Civili, u diversi sentenzi ohra li kienu bidlu l-kuncett antik li servigi bejn parenti u affini ghandhom jitqiesu li gew prestati *pietatis vel familaritatis causa*. Ara f’dak is-sens **Esther Farrugia *et* vs Nutar Dr. Carmelo Farrugia**, 14 ta’ Frar 1938, Vol XXX-I-47 fejn ukoll il-Qorti ta’ l-Appell kienet ibbazat li ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti sakemm ma jkunx jidher car ftehim iehor (ara wkoll **Tabib Dr. Mifsud Speranza vs Nutar Frendo Randon *noe***, 15 ta’ Gunju 1942, XXXI-I-227). Biex taqa’ din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw b’mod konklussiv il-gratuwita`.

Illi l-Qorti thoss li taqbel mal-konkluzjonijiet peritali u dan kif anke msahhah bis-sentenza hawn fuq kwotata.

Tosserva li ghalkemm waqt it-trattazzjoni finali l-konvenuti ippruvaw jissollevaw diversi aspetti ohra l-kawza tikkoncerna talba dwar servigi, kemm bhala responsabbilta` ghall-istess servigi, likwidazzjoni ta' l-ammont dovut u kundanna ghall-hlas ta' l-istess. In sostenn ta' l-istess talba hemm id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici Tessie Micallef li b'ebda mod ma giet kontradetta. Mix-xhieda l-ohra jirrizulta, inkluz minn Dr. Cassar Delia, li kienu gew rezi diversi servizzi ghal perjodu sostanzjali. Jekk xi haga, l-ammont likwidat mill-Perit Legali huwa pjuttost konservattiv.

Il-Perit Legali ghamel referenza ghall-kawza fuq imsemmija **Brincat vs Brincat** fejn din il-Qorti kif presjeduta kienet iddpartiet mill-principju ta' kumpens moderat, izda jigi osservat li f'dak il-kaz il-persuna li ibbenefikat mis-servigi kienet hi stess insistiet li l-persuna li qed tirrendi s-servigi kellha tkun kumpensata b'dak il-mod qawwi u ghalhekk kien hemm kwazi kuntratt f'dak is-sens. Peress li fil-kaz in ezami ma gietx sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, xorta wahda li l-ammont ghalkemm kalkolat b'rata moderata minhabba t-trapass ta' zmien xorta wahda jammonta ghal somma konsiderevoli u ghalhekk il-Qorti ma thossx in-necessita` li tvarja l-ammont kif likwidat mill-Perit Legali.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt li mhux minnu dak li allegat l-attrici.

Tiddikjara li huwa dovut kumpens lill-attrici (jew aventi kawza taghha) tas-servigi minnha rezi ma' Olga u Clodomiro Spiteri.

Tillikwida l-ammont dovut ghal dawn is-servigi ghall-ammont ta' €14,400.

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma lill-atturi.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------